**Introduzzjoni**

Artikolu 5 tal-Att tal-Bank Ċentrali ta' Malta jinkariga l-Bank Ċentrali ta' Malta biex jiżgura l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Fit-twettiq ta' dan l-obbligu statutorju l-Bank Ċentrali ta' Malta għandu sehem importanti fiż-żamma tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja domestika, ikun qed jikkontribwixxi wkoll għal dik tal-Eurosistema. Il-Bank Ċentrali ta' Malta jiddefinixxi l-istabbiltà finanzjarja bħala kondizzjoni fejn is-sistema finanzjarja – li tikkonsisti mill-istituzzjonijiet, mis-swieq u mill-infrastrutturi – tista' talloka t-tifdil f'opportunitajiet ta' investiment u tiffaċilita l-issetiljar ta' pagamenti b'mod effiċjenti; timmaniġġa r-riskji li jistgħu jagħmlu ħsara jew li jidhru li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ħidma tiegħu u b'hekk lil dik tal-ekonomija; u tassorbi l-iskossi mingħajr ma tippermetti l-formazzjoni ta' proċessi kumulattivi li jistgħu jfixklu l-operazzjonijiet tiegħu.